# SAN ĠORĠ TAL-ĦAĠAR

Mill-qedem *San Ġorg tal-Ħaġar* kien il-qalba tar-Rabat t'Għawdex. Hemm minn dejjem kienet il-belt il-qadima, bil-maqdes, bis-suq u l-ħariet ta' djar madwarha. Joqogħdu fiha mijiet ta' nies u jżuruha kulljum mijiet oħra. Ma nafx, imma, kemm minn dawk li joqogħdu fiha jew iżuruha, jgħaddilhom. minn moħħhom li dawk l-istess toroq li qiegħdin fihom imxew minnhom qabilhom min jaf kemm oħrajn tul dawn l-aħħar elfejn sena.

Illum dil-belt qadima tilfet ħafna mill-karatteristiċi tagħha. Il-ħitan li kienu jħarsuha għebu u flokom fuq ir-riħ tagħha ttella' kastell biex irażżanha. Id-djar żdiedu. Il-ħwienet tas-snajja tbiddlu f'oħrajn li flok juru ħiliet l-Għawdxin ibigħu dak li jipproduċu l-barranin. U tant tħarbtet u tlaqqtet b'żidiet ta' nies u bini li ma baqgħetx tintgħaraf minn kif kienet qabel.

**Isem il-belt**

Ma' dan l-iżvilupp soċjali u ekonomiku żviluppa wkoll isem il-belt.Fi żmien li kienet "kolonja tal-Feniċi" kienet biss ħara djar magħluqa b'ħajt. Bla isem. Aktarx magħrufa bħala *il-gudran* Għax hekk kienu jissejħu l-ħitan dak iż-żmien. Jew forsi wkoll *il-Ħaġar.* Għax "ħaġar" kienu ifissru wkoll "swar". Ir-Rumani illatinizzawh dan l-isem f'*oppidum* . Ul-belt sejħulha *Gaulos oppidum.* Għall-Biżantini kienet biss *castrum* jew *kastron* . Għax kienu jużawha bħala "stazzjon militari". U warajhom, l-Għarab ma jidhrix li bidlulha isimha. Sejħulha *ribat* jew *rabat* f'ilsien l-Aglabiti li ġew jgħammru fiha. U hekk baqa' sa ftit aktar minn mit sena ilu meta fuq talba ta' l-isqof Pietro Pace l-awtoritajiet ingliżi bidluh f' *Victoria.*

In-nies tar-Rabat, imma, għadhom sallum jingħaddu b'"Rabtin" Barra dawk tal-qalba. Lil dawn x'aktarx aktar taqogħdilhom "ta' San Ġorġ". Għax hekk minn dejjem kienu. U hekk għandom il-pjaċir li jibqgħu. B'mod partikolari fil-festa meta żgħażagħ u xjuħ, nisa u rġiel, ikantaw flimkien:"Aħna ta' San Ġorġ". Fuq motif ta' xi marċa trijunfali. Donnhom biex jipproklamaw aktar bi sħiħ l-identita` tagħhom. Għax San Ġorġ igħaqqadhom ma' l-imgħoddi. U jorbothom ma' kultura li tul dawn l-aħħar elf sena għamlet lilhom u lil ġenshom Insara u Ewropej.

**L-Oriġini tal-Kult ta' San Ġorġ f'Għawdex.**

L-oriġini ta' dal-kult f'Għawdex mitluf fiż-żmien. Aktarx daħal wara il-ħakma musulmana. Skond xi



*L-istatwa ta' San Ġorġ tal-Ħaġar li tindika t-territorju tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Kienet drawwa antika li jitqiegħed sinjal biex juri dritt dominju ta' proprjeta' fi żmien il-Medjuevu. Sa ftit ilu fuq ir-raba tal-Katidral ta' l-Imdina 'l isfel minn Villa Rundle kien għad hemm ukoll l-istatwa ta' San Pawl imqiegħda għall-istess għan. Fl-għajn il-kbira fil-Fontana għad hemm sallum l-iskrizzjoni ta' l-għoti tal-fewdu tas-Saccaya lil Pietro Monpalao mill-invictissimus et catholicis nostris regis et regina Joanna fl-1507. U sas-seklu l-ieħor il-Gven Ingliż kien ukoll jimmarka l-artijiet tiegħu permezz ta' plier bl-ittri "RV" fuqu.*



*Tpenġija tal-kastell u r-Rabat kif kien f'nofs is-seklu XVIII, meta l-kunventi ta' Sant Wistin u ta' San Franġisk kien għadhom 'l barra sew minn dak li fl-imgħoddi kien il-Ħaġar jew belt magħluqa b'ħitan li fil-qalba tagħha kien hemm il-knisja ta' San Ġorġ.*

kittieba malli bdew jaslu l-merkanti nsara minn Genoa għall-ħabta ta' l-ewwel mitt sena tas-seklu XII. Dawn kienu jġibu magħhom il-qassisin. U bħalma għamlu kullfejn rifsu xtut oħra fil-Mediterran daħħlu l-kult tal-qaddisin li huma kienu jqimu. Fosthom dak lejn San Ġorġ, patrun tagħhom.

Plawsibbli, ukoll, l-ipotesi l-oħra li dan il-kult ta' San Ġorġ kien diġa jeżisti qabel ġew il-musulmani fis-sena 870. Sa dak iż-żmien il-gżejjer Maltin kien ilhom stazzjon militari tal-Biżantini għal kważi tliet mitt sena. U għalihom, suldati nsara li bla San Ġorġ ma kienu jmorru mkien, ma setgħux ma ħaduhx magħhom ukoll f'Għawdex. L-aktar, minħabba li Għawdex kien maqtugħ u spiss imhedded mill-egħdewwa. Barra minn hekk l-*archon*, il-gvernatur Biżantin, li f'idejh kellu s-setgħa tal-*castrum*, kien mera ta' l-Imperaturi tiegħu li bħal Ġustinjanu riedu li kull fejn hemm suldat tagħhom ikun hemm ukoll San Ġorġ.

Qaddis bħal dan ma setgħax ma jintlaqax b'għożża mill-baxx u mill-maħqur. Għax San Ġorġ kien il-mudell taċ-ċittadin. Għalkemm nobbli u suldat, qaddej fidil ta' l-Imperatur tiegħu, kien ukoll tarka tal-fqir. Ta' min kien imċaħħad minn jeddijietu u mkasbar. U l-Għawdxin dik il-ħabta ma setgħux ikunu f'kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi agħar milli kienu.

Qabel dan iż-żmien ma jidhirx li seta' kien hemm f'Għawdex insara jew kulti tagħhom. L-ewwel sinjali tagħhom tfaċċaw fis-seklu V fuq bċejjeċ tax-xaqquf li fuqhom kellhom għeliem nisrani. Il-bqija dak kollu li jingħad fuq it-twemmin bikri ta' ġensna mhux ta' min jorbot fuqu. La jekk jingħad għal *castrum* u anqas u anqas jekk jingħad għall-*castello*.

## Il-*Castrum* u l-*Castello*.

Il-*castrum* kien il-*Gaulos oppidum* ta' żmien ir-Rumani. Fil-lista ta' Ġorġ ta' Ċipru kien elenkat fost l-ibliet ta' Sqallija. Wieħed mill-erbataxil "belt" li wara dehru fid-*descriptio orbis Romani.* Skond Ptolemy dil-belt kienet ta' daqs żgħira. Fiha aktarx ma kenux joqogħdu aktar minn 1000 ruħ. Kellha ħitan madwarha dawra mejt u kienet mgħassa b'torri f'kull kantuniera. Minnhom illum ma baqa' xejn. Imma minn fdalijiet arkeoloġiċi u minn riferenzi għalihom f'rapporti ta' Viżti Pastorali u f'kitbiet oħra wieħed għandu jasal biex igħid, kważi bi preċiżjoni, mnejn kienu jgħaddu dawn il-ħitan u x'wesgħa kienu jagħlqu.

G.P. De Soldanis jiżgurana - u sa żmienu xi partijiet ta' dan il-*castrum* kienu għadhom jidhru - li l-*Gaulos oppidum* kienet biss il-parti l-antika tar-Rabat. Dik li tħaddan il-bini ta' madwar il-knisja ta' San Ġorġ. Il-ħajt tagħha kien jagħlaq it-tramuntana tul *il-Ħaġġarija* kollha; il-lvant tul *Ħabel l-Isptar*, in-


Ho partecipato a Monsig.r Ill.mo il contenuto della lettera di V.S. R.ma sopra l'insufflata presenz.a del Genuflessorio parato nella Chiesa di S. Giorgio di Ecc.mo Sig.re, et ha' assai lodato il suo buon zelo a' non permettere novità alcuna dentro la Chiesa, et insieme goduto d'havere procurato di dar sodisfatt.e al d.o Sig.re, e fatto capace di questa novità suscitata da molti anzi vuole che V.S. s'informi bene s'e' stato veramente ... ab antico e' haverlo nelli dieci giorni accennati della Dom.a infra l'ottava del Corpo di Xpo, e nella Chiesa di S. Giorgio, che se fosse cosa nova, pure bisognarà di revelarla. Di questa mat.a ne' di è stato

Facsimile *ta' biċċa minn ittra mibgħuta fit-2 t'Ottubru 1696 mill-Vigarju Ġenerali, Don Antonio Manso li fiha ifaħħar lill-Arċipriet, Don Natale Cassia Magri, talli ma ħalliex li jitqiegħed ġonukkjatur lill-Gvernatur fil-Knisja ta' San Ġorġ.*


2. Che il Luogo ove è posta d.a Chiesa sia Nobile e Cospicuo.

L'essere la nostra Colleg.ta fondata et eretta in un luogo non poco cospicuo, sia dalle ragioni infrascritte. Poiche il Gozo fu anticamente Città abitata dalle più famose e valorose Nazioni, ch'avessero mai signoreggiato nel Mondo. Che fu Città si vede ocularmente da i vestigij, che sin a questi tempi s'osservano dell'antiche Mura, e dal nome delle sue porte che nella mentionata Città vi erano, ch'ancor vi rimane, e sono la porta Reale che era situata verso la Croce ... la porta della Fontana che guarda verso mezzo giorno, e la porta del Sarbo che era fabricata dietro S. Sabina che guarda a Ponente.

Facsimile *oħra ta' kitba, aktarx ta' l-Arċipriet Don Karlo Magri, li fiha l-kittieb qed jagħti dettalji mhux korretti biex juri l-qdumija tal-Knisja tiegħu.*



*Pjanta tas-seklu XVI li turi eżatt it-toroq ta' ġol-Kastel bil-knejjes ewlenin tiegħu ta' San Lawrenz u ta' Santa Marija u bit-toroq tal-belt l-antika ta' Għawdex li kienet tissejjaħ* Gaulos Oppidum *jew il-Ħaġar li tindika t-territorju tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. AOM Libr 6551 f.326*

nofsinhar tul *il-Vajrinġa;* u l-punent minn *Tal-Ħaġar* sa *Ta' Gidrin.* Sallum minnu fadal biss l-ismijiet tal-bibien, bħal *taħt ta' Putirjal* u *ta' bieb il-għajn.* U barra dawn ismijiet oħra bħal *wara ta' gidrin, il-ħaġġarija* u *tal-ħaġar.*

*Putirjal,* il-Bieb Ewlieni tal-Belt, li kien ftit 'l bogħod m'nejn dari kien hemm is-Salib tat-Tiġrija. Bejn wieħed u ieħor fejn hemm il-Kunvent tas-sorijiet ta' l-Istilla. U *Bieb il-Għajn*, li kien jagħti fuq nofsinhar u li kien ftit 'il ġewwa minn fejn illum hemm il-Librerija Pubblika. *Il-ħaġar,* l-appellativ bis-semitiku għal *castrum,* għadu jissemma biss bħala parti mill-appellativ l-ieħor *San Ġorġ tal-ħaġar.* Waqt li *Il-ħaġġarija* illum hi biss l-inħawi ta' ma' ġenb it-telgħa tal-kastell. Dari, iżda, kienet tinfirex sa fejn illum hemm il-bidu ta' Triq Palma

Illum xejn minn dawn il-postijiet ma għadu jintgħaraf. Tilfu l-karatteristika tagħhom żmien ilu. Malli bdew jaslu l-Ordnijiet reliġjużi f'tarf is-seklu XV u jibnu l-kunventi tagħhom barra l-ħitan tal-belt. Sa mit sena wara diġa kien hemm għadd mhux ħażin ta' rziezett u għorof 'l hawn u 'l hinn fil-kampanja. U meta n-nies bdiet toktor fettxet aktar 'l barra milli 'l ġewwa. B'hekk minn 1400 ruħ li ikkalkolat li r-Rabat kellu fl-1602 seta' jikber biex fl-1990 ikun madwar ħames darbiet aktar.

Għax dik ir-roqgħa art, li fil-bikri kienu għażlu niesna biex igħammru fiha, kienet art għammiela. Kibret bħall-ħmira. U mtliet b'ulied iż-żgħir. Ħaddiema tar-raba. Li jgħixu b'dak li jkabbru. Li l-għorfa tagħhom tesagħhom. Li jilqgħu lill-kullħadd.Għax bla pretensjonijiet. Jagħdru u jħobbu. Imma fuq kollox li jridu jaħdmu fil-kwiet u jgħixu fil-paċi

IL-*castello* għandu storja oħra. Inbena mir-Re għall-ħteġiet tar-Renju tiegħu. U, biex dawn jinqdew kif u meta irid hu, amar li jkun immaneġġjat minn nies li kien sata' jafdahom. *Nobiles* u *miles* Li kienu jafu jarmaw il-kastell u jibdlu f'fortezza tan-nobbli. Fejn l-istituzzjonijiet fewdali jitħarsu u jitwettqu.

Fl-għamla tiegħu tal-lum m'għandux aktar minn tliet mit sena. U qablu, kważi daqsu, kien hemm ieħor. Jekk kienx hemm terġa ieħor qabel ma nistax ngħid. Jista' jkun li xi tip ta' fortifikazzjoni kellu mnejn kien hemm. Meta, imma, nbena l-ewwel *castello* ma nafux. Skond Dr. Trump, iżda, ma setgħax kien qabel il-medjuevo.

Fl-Ewropa l-kastelli bħala fortikfikazzjoni militari kienu ġew żviluppati ma' l-invenzjoni ta' armi bil-porvli għal nofs is-sekluXIII. Federiku II kien wieħed minn ta' l-ewwel li addottahom għad-difiża tat-territorji tiegħu. U tella' minnhom f'qagħdiet strateġiċi ma' Sqallija kollha. U forsi ukoll f'Malta. Sa l-1270 ma jissemma' l-ebda wieħed f'Għawdex.

Fl-1154, fl-ewwel deskrizzjoni geografika li għandna t'Għawdex, El Idrisi isemmi biss li kien hawn "port tajjeb". U f'nofs is-seklu XIII, meta sar *Il compasso da navigare* għalkemm f'Kemmuna hemm imħażża "kappella" u f'Malta "kastell", f'Għawdex ma jidher li hemm xejn. Sa mit sena wara l-Isqallin ġa kellhom saqajhom sewwa fil-gżira. Madanakollu fl-



*Dehra mill-isbaħ tal-Gran Castello , illum magħruf bħala Cittadella, t' Għawdex.*

ebda kitba tagħhom, li nafu biha s'issa, ma jirriżulta li barra iż-żewġ kastelli ta' Malta kellhom ieħor f'Għawdex.

Fi żmien l-Anġovini l-qagħda kienet għandha l-istess. Fl-1270 Bertrando de Reali waħdu kien *magistro et castellano insularum Malte et Gaudisii.* Warajh fl-1273 Roberto Caforio okkupa l-istess kariga bl-istess awtorita' ta' kastellan wieħed biss għaż-żewġ gżejjer. Iżda, imbagħad, wara x-xabgħa li Għawdex kien qala' mingħand il-Ġenoviżi fl-1274, meta 'l-gżira kinsuha litteralment mill-abitanti kollha tagħha, donnu li xi għamla ta' fortifikazzjoni kienet saret. E. Winklemann fl-*Acta Imperi Inedita*, I, mhux tant ċar dwar hekk. Iżda skond digriet mibgħut minn Ruma fid-19 ta' Lulju 1276 u indirizzat lill-"Pro Curia et Castro Gaudisii" jgħid ċar li ntbagħtet ittra lill-*Vicario Siciliae* li fiha ġie mgħarraf li l-kustodja tal-*castri nostri Gaudisii* inghatat f'idejn Reynaldo de Paleario. U fl-istess jum ħarġet il-konferma li Reynaldo de Paleario sar kustodju *castri nostri Gaudisii* bid-dmir li jiggverna *cum armis victualibus balistis quarelis ceterisque guarnimentis et captives.* Mis-sena 1277 'l quddiem kull korrispondenza importanti bdiet tintbagħat kemm lil *castellano et servientibus castri Malte* u kemm lil *curio et castro Gaudisii.*

Jidher, mir-Rapport tal Viżta Apostolika ta' Mons Dusina fl-1575, li mill-bidunett ta' dan il-kastell fih kien hemm knisja zgħira. U kienet inbniet biex taqdi lill-kastellan u lill-għassiesa tal-kastell fil-kura ta' ruħhom. Kienet iddedikata lil San Lawrenz. Għax San Lawrenz kien il-qaddis spanjol per eccellenza. Li kull familja rjali spanjola kienet timpenja biex tqim kullfejn tmid saqajha.

Minnbarra dil-knisja kien hemm ukoll bini ieħor. Id-dar tal-kastellan u djar oħra ta' uffiċjali għolja tar-renju. Ilkoll nobbli spanjoli jew sqallin li kienu bdew jaslu wara li Ċikku Gatto ħa possess tal-kastell u stabilixxa l-awtorita' tal-*Curia Romana* fih. Fost dawn in-nies il-ġodda kien hemm ukoll il-vigarju ta' l-isqof li aktarx bena wkoll l-knisja tiegħu. Magħha telgħu oħrajn, *jus patronati* ta' uħud mill-familji nobbli. Bħalma kienu ta' Navarra, ta' Castelletti, ta' Monpalao u ta' Pontremoli. Fl-1454 inbena sptar. U djar t'oħrajn mill-*alta borghesia.* B'hekk id-dħul mill-kera tagħhom żdied u tħaxxnet is-*secrezia.* Sa tarf is-seklu XVI b'kollox kien hemm fil-kastell madwar 90 dar.



*Uħud mill-mijiet ta' sesterzji rumani li kienu nstabu waqt it-tħaffir tal-pedament għall-bini tan-navi fuq il-lemin tal-korsija tal-knisja ta' San Ġorġ.*

Manutensjoni fuqu, iżda, ftit li xejn kien isir. Ħafna kienu jippruvaw jeħilsu mill-piżijiet tiegħu. Fl-1442 kien għoddu sar ħerba. U f'kundizzjoni agħar kienu sabuh il-Kavallieri meta ħaduh fl-1530. Waqt l-assedju ta' l-1551 kompla ġarrab ħsarat kbar. Tant li kien hemm il-ħsieb li jinħatt għal kollox u jinbena band'oħra.

Fl-aħħar xhur ta' l-1599 il-Gran Mastru Garzes, li ma riedx li Għawdex jerġa jitħarbat bħalma kien reġa' ġralu fl-1582, ta l-ordni biex il-kastell jiġi immodernizzat. Ha ħsiebu l-inġinier Rinaldini li, minkejja li kien konvint li fortizza-belt ma kienx postha fil-qalba tal-gżira, beda x-xogħol u f'anqas minn għoxrin sena bidel il-fiżonomija ta' kastell medjoevali f'waħda ta' fortizza rinaxximentali.

Imma donnu li issa kien tard wisq. It-theddid ta' l-inkursjonijiet tal-pirati kien naqas u n-nies bdiet aktar issib postha fir-Rabat u fil-kampanja madwaru. It-terremot ta' l-1693, li qered lil Catania u qatel aktar minn 16000 ruħ mill-popolazzjoni tagħha, kompla żjied ma' l-isfortuni. U sa meta biex wasal spiċċà l-bini ta' l-aħħar kavallier fl-1706 kien sar kastell fantażma. Illum l-akbar attrazzjoni ta' pajjiżna u tista' tgħid mużew uniku fl-Ewropa ta' arkitettura militari mill-Medjoevu sar-Rinaxximent. Simblu ta' istituzzjoni li għaddiet.

Min hu midħla sewwa ta' l-arkeoloġija u għandu konoxxenza tat-topografija tar-Rabat ma jistax ma jagħrafx fejn kienet preċiż dil-belt antika. Dr. Trump jindikaha sewwa. Għax kemm għall-kwantitajiet ta' statwi, skrizzjonijiet, xaqquf u flus li sabu fiha u kemm għall-għadd ta' nikropoli li nkixfu madwarha ma setax ma jinnotax li mill-Preistorja, wara sekli sħaħ ta' ċivilta' kbira fl-inħawi tax-Xagħra, iċ-ċentru tal-abitazzjoni kontinwa ta' l-Għawdxin kien ir-Rabat. It-truf ta' daċ-ċentru jidhru, kif qal Trump stess, mill-oqbra li nstabu madwarha.

Fuq in-nofsinhar ta' din il-belt, minn fejn tibda t-Triq ta' l-Għajn sa fejn tispiċċa l-Vajringa, kien miżgħud b'oqbra punici. U fihom instabu l-aqwa eżemplari ta' l-epoka: żġieg u fuħħar. Fuq it-tramuntana, mit-Tokk 'l barra, u mil-Lvant sax-xlokk, l-aktar lejn San Franġisk, kien mimli b'hypogea romani. Kważi wieħed fejn l-ieħor. U fuq il-punent, minn *tal-ħaġar* ('l ġewwa minn PjazzaTomba) sa fejn *ta' gidrin* ('l ġewwa minn *ta' Savina*) bi dfin ta' nies ta' kull ġens. Barra dawk tal-Griegi taż-żmien klas-



*Il-bidu tat-twaqqif tad-djar fi Triq San Ġorġ biex jinbnew il-pedamenti tan-naħa tal-lemin tal-korsija fejn nstabu għadd ta' qliel rumani mimlija b'mijiet ta' bċejjeċ tal-flus. Jidher fir-ritratt, fost l-oħrajn, Dun Franġisk li ħadem bla heda biex il-knisja titkabbar u tissebbaħ*

siku. F' *ta' Savina* kien hemm zuntier mislem waqt li fejn Santu Wistin ċimiteru medjevali.

Sfortunatament la Onorato Bres u lanqas Dr A.A. Caruana ma jidhru li kienu midħla ta' din il-belt. U minkejja li f'idejhom kellhom indikazzjonijiet ċari, ħasbu li l-kastell kien *acropolis graeco-rumana* li kienet tinfirex ma' l-inħawi tar-Rabat.bil-kastell b'kollox. Xi kittieba, minħabba, f'hekk jaħsbu li l-*castello* jew *gran castello* (kif kienu isibuh wara li tlesta fis-seklu XVII) kien fil-bidu tiegħu *acropolis* u aktar tard *cittadella*.

Il-Kastell, iżda, la qatt ma kien *acropolis* u lanqas *cittadella*. Dawn kienu żewġ termni fl-arkitettura, wieħed ċivili Grieg tas-seklu IV Q.K. u l-ieħor militari Swev tas-seklu XII W.K., ma tantx joqogħdu sewwa f'ambjent siculo-arabo tas-seklu IX u XI. Il-Kas'r jew Kasur Għarbi kien tassew *castellaccio*. u ma sata' qatt kellhu dehra klassika. Fl-ebda fażi ta' l-istorja bikrija tagħna ma kellna influenzi ħelleniċi. La kbar u lanqas żgħar. Għax, jekk taqta' l-iskrizzjonijiet ta' żewġ ċippi, il-leġġendi fuq ftit muniti u l-kitba fuq it-*Tessera Hospitalius*, ħlief ftit ċeramika importata ma nstabitx.

L-idea ta' *acropolis* ġewwa Għawdex aktarx noqbot minn Cluverius. U forsi ukoll bi żbal. Għax meta kien qed jikteb kien influenzat minn poeta Grieg li f'opra tiegħu jsemmi li Malta kienet dominata mill-Griegi. Sfortunatament f' *Della descritione di Malta* Gian Franġisk Abela ħa minn Cluverius bla ma qagħad jistħarreġ sewwa jekk dak li kiteb Cluverius. U fuq l-Abela rabtu b'għajnejhom magħluqa għadd ta' storiċi oħra.

Dr A.A.Caruana, wieħed minn dawk ossessjonati bil-klassiċiżmu ta' żmienu, sa jindika fejn kienet din l-*acropolis*. Stħajjilha fuq l-għolja tal-kastell, 'l fuq minn fejn fl-1860 nstabu l-*columbaria*. "*The place,*" igħid fil-ktieb tiegħu "Ancient Pagan Tombs and Christian Cemeteries in the Islands of Malta, "*is the site of the old ditch surrounding the walls of that ancient Greek acropolis*". Waqt li "*the suburb of Gaylos*" fl-inħawi ta' *San Ġorġ tal-Ħaġar* li hu jidentifika ma' "*the it-Tomba district*". Qaleb kollox! Imma, tant kien konvint minn dak li qed igħid, li fl-aħħar sa stqarr li "*the Greeks and the Romans certainly colonized our islands; under their conspicuous rules was founded a chief town in each of the two islands, and their rule was of long duration*".

Din it-teorija ta' belt *graeco-rumana* illum hi bla bażi. Jiċħduha storiċi kbar. Bħal Dr Mayr li ma jemminx li ftit "fuħħar impurtat" jista' jagħti xhieda



*Iċ-ċimiterju ta' barra l-ħitan tal-belt fejn kien hemm oqbra mgħottija b'lapidi b'emblemi ta' nobli u ekklesjastiċi tal-Medjoevo fejn Nuccio Del Piscopo kien bena ġo fih il-Kappella ta' San Pawl. Tidher il-Kappalla ta' San Ġwann l-Evanġelista li kienet benefiċċjarja tar-Regio Patronato ta' Godlien li kien fidejn il-Ġuraterija t'Għawdex.*



*Fuq: Impressjoni artistika ta'l-ambjent tal-belt ta' Għawdex kif maħsuba li kienet minn De Soldanis u magħmula minn artist anonimu tas-seklu XVIII.*

*Isfel: Impressjoni artistika oħra ta' l-istess ambjent ta' Gaulus Oppidum kif maħsuba minn John Bezzina u ddisinjata minn Renato Carabott.*




ta' "okkupazjoni griega". U Dr. A. Bartolo li iżid li "*the foundations of the Capitals of Malta and Gozo have also been ascribed to the Greeks; but the fact, which cannot be doubted, that the two chief towns were called by the Greek writers by the same Greek names as those of the islands, is no proof that they owe their existence to the Hellenes*".

Minn tħaffir li kien sar fit-Tokk fl-1960 jidher li din il-belt antika li n-Normanni ħadu mill-Għarab kienet minn dejjem fil-post fejn hu r-Rabat illum. Dr Trump, li assista dan it-tħaffir, igħid hekk:"*...natural blue clay was covered with 3.70 meters depth of artificial accumulation below the modern pavement, a startling contrast to the situation within the citadel. The lowest level was laid down in the Bronze Age with shreds of Borġ in-Nadur phase. Then came the Punic levels, still fairly thin and without signs of structures in the restricted area available for examination. During the Roman Period, however, several buildings stood on the site. At one point a cellar still containing wine jars was found, though the jars were empty. A later building had been burned down with 5th century oil lamps left on the floor*".

Din kienet il-belt tal-*plebs gaulitana.* Fiha kellhom *municipium,* ta' l-anqas tliet tempji u għadd ta' statwi b'ġieħ il-patruni tagħhom. Fosthom waħda ekwestri lil M. Vallius li l-iskrizzjoni tagħha kienet ġiet ingastata n-naħa ta' ġewwa ta' bieb il-kastell fis-seklu XVII. Hawn 'l ġewwa mill-ħitan iċ-ċorma wettqet bosta minn ħidmietha: biex tidħan il-qamħ, taħmi l-ħobż, tagħsar l-imbit, tinseġ ħwejjigha u tagħmel il-fuħħar.

**Kittieba dwar Għawdex.**

Dwar dawn il-qdumijiet t'Għawdex u tal-belt tiegħu dan l-aħħar kitbu għadd mhux ħażin ta' studjużi, Maltin u barranin. Il-Prof. A. Bonanno għandu studju interessanti mifrux mill-Preistorja sa żmien il-Biżantini. F'xi fehmiet jaqbel ħafna ma' dak li kien qal De Soldanis. U ma' dak li kien qal ukoll Padre Pelagio. U bħalhom ġie li ifisser ruħu D.De Lucca. It-*Town of Gaulos* ta' A. Bonanno tixbah aktar lil *Gaulos Oppidum* ta' J. Bezzina mit-*Town of Gaylos* ta' A.A.Caruana. It-tifsil tagħha kważi bħal dik ta' tpenġija oħra magħmula minn artist mhux magħruf fis-seklu XVIII. Ta' J. Bezzina, imma, għandha aktar fantasija. Għax barra il-bini sabiħ bil-kolonni doriċi għandu wkoll anfiteatru Ruman.

Fuq il-perijodu ta' wara, minn żmien l-Għarab 'l hawn, kiteb il-Prof. G. Wettinger. Studju ieħor interessanti ferm. L-aktar fejn għandu x'jaqsam mas-snin

twal tal-ħakma tal-mislem fuqna. Bla dubbju dak li jgħid ma jaqbil xejn la ma' dak li kien qal qabel fuq hekk l-Abela, De Sodanis u Dr. Vassallo u lanqas ma' dak li qal Dr.J.Brincat u studjiżi oħra dan l-aħħar. Skond Wettinger insara f"Għawdex u f'Malta aktarx ma kienx hawn fi żmien l-Għarab waqt li oħrajn isostnu li "t-tolleranza tal-misilmin għenet l-Maltin u l-Għawdxin jibqgħu sodi fil-fidi nisranija".

Id-dokumentazzjoni fqira li għandna kienet forsi ħtija tad-diżgwid fil-kitba dwar dan il-perijodu. U xi kittieba komplew aktar tħawdu b'dak li kiteb G.F. Abela u b'dak li ivvinta warajh l-Abbate Vella. Minħabba f'hekk, tgħidx kemm ħrejjef!.Fosthom dik tat-twaqqif tal-Katidral f'Malta. U magħha dik l-oħra tal-Matrici t'Għawdex. Fl-1090 il-Konti Ruġġieru la waqqaf knejjes u lanqas ta artijiet lil ħadd. U fuq dawn, kemm il-Prof. A. Vella kif ukoll Dr. A. Luttrell hu ċar daqs il-kristall. Stejjer bħal dawn m'għandhomx jitwemmnu. M'ilux wisq Prof .Wettinger ukoll ċaħadhom bl-aktar mod kategoriku. Żgur li mingħajrhom kotba serji bħal *The History of the Church in Malta* ta' Mons Arturo Bonnici ikunu aħjar.

Ħasra li xi elementi fil-Knisja għadhom jinsistu fit-twemmin ta' leġġendi bħal dawn bl-iskuża li huma tradizzjonijiet sagri. Skond A.Telsino meta l-Konti Ruġġieru ġie Għawdex għamel ħerba minn kullma sab. U kif ftiehem ma' l-Għarab u ġie biex jitlaq 'l barra ħallihom f'ismu sidien ta' pajjiżna.Il-misilma baqgħu jaħkmu għal 37 sena oħra sakemm Ruġġieru II neħħihom għal kollox u poġġa flokhom oħrajn insara. Minn dak inhar infetħet paġna ġdida fl-istorja tal-Knisja f'Malta.

**Il-Knisja f'Għawdex.**

Il-ġrajja tal-Knisja f'Għawdex tul dawk iż-żmenijiet hi mudlama u mhux lakemm tinkiteb. Ma jidhirx li sas-seklu V il-kristjaneżmu kien qabad l-art. Ħjiel tiegħu, almenu sa dak iż-żmien, kien għadu ma tfaċċax. Sfortunatament l-argument kien ġie ittrattat b'mod emozzjonali hafna tul l-ewwel u t-tieni deċenju ta' das-seklu minn għadd ta' studjużi. Fosthom il-patri Majistru A. Muscat u Mons. Ġ. Farrugia. Bejnithom kitbu eluf ta' kliem. Ħafna minnu llum fieraħ jekk tqabblu ma' dak li nkixef f'Tas-Silġ. Għax sa żmien il-Biżantini, bejn is-seklu VI u s-seklu IX, it-twemmin u l-kulti kienu jikbru u jitbielu skond ir-riħ li jonfoħ minn kien fl-ogħli. Taħt il-*protos* it-tempji pagani tkattru u taħt l-*archon* għebu u bdew jitfaċċaw flokhom il-bażiliċi. U magħhom ukoll l-insara. X'ġara wara meta l-Aglabiti ħatfu l-gżejjer



*Il-Gvernatur tal-Kastell fi żmien l-Ordni fl-ilbies uffiċjali tiegħu.*

*Il-Pro-Vigarju għal Għawdex bejn is-seklu XVI u XVIII*





*Il-Kappella tal-Lunzjata magħrufa bħala jus regi patronato tas-Saccajja mogħtija fl-1372 b'beneficċju lil Dun Bartolomeo Axiaq mir-Re Federiku.*

fis-sena 870 il-Bambin biss jaf.

Jibda' jitfaċċa xi ftit tad-dawl għal nofs is-seklu XII. Fl-1154, sbataxil sena wara li Ruġġieru II keċċa darba għal dejjem lill-mexxejja misilma, Għawdex kien ġie magħruf minn ċertu patri minn Sqallija, Nilos Doxoprates, bħala *diocezi*, speċi ta' *paroikia,* fost il-21 li kienu jagħmlu mal-provinċja ta' Sirakuża. Iżda wara, fl-1198, il-kura ta' l-erwieħ għaddiet f'idejn l-isqof ta' Malta.

Konna għadna dak iż-żmien magħduda bħala *serracini.* Għax il-bidla fi twemmin in-nies ma saritx f'lejl. Ħadet aktar minn mija u ħamsin sena biex twettqet għal kollox. Fl-1241 f'Għawdex kien għad fadal madwar terz tal-popolazzjoni misilma. Fuq 366 familja 203 biss kienu nsara. U ma jidhirx li l-Kristjanizzazzjoni tiegħu seħħet mija fil-mija sa l-1249 meta l-Għarab misilma tkeċċew fuq amar ta' Federiku II.

Ftit wara dik il-ħabta f'Malta bdew jidhru l-ewwel sinjali ta' organizzazzjoni fil-Knisja ta' Malta. L-isqof sar suffragan ta' Palermo. U b'hekk, bħala "parroco" ta' Malta kellu dritt li jorganizza il-parroċċa tiegħu kif ried hu. Billi, iżda, ma kienx Malti u ma kien qatt jirfes xtut il-gżejjer, ħtieġlu jaħtar qabel kollox *vigarju* residenti biex fin-nuqqas tiegħu l-kura ta' l-erwieħ ma tbatix.

Fl-Imdina waqqaf il-Katidral tiegħu b'kapitlu ta' kanonċi biex igħinu l-*vigarju* fl-amministrazzjoni. Kemm kienu l-membri ta' dan il-kapitlu ma nafux imma fl-1270 kien hemm fih ta' lanqas żewġ dinjitajiet: arċidjaknu u dekan..U ma' dawn għadd ta' kanonci, uħud minnhom *cappellani* li fil-Ħdud u l-festi, barra d-dmir li jattendu l-kor u jieħdu sehem f'servizzi oħra reliġjuzi, kienu jintbagħtu iqaddsu u jamministraw is-sagramenti fil-*cappelle* tal-kampanja.

Għawdex kien mitqies bħala wieħed minn dawn il-*cappelle.* Imma b'organizzazzjoni għalih. X'għamla ħadet din l-organizzazjoni ma jingħad imkien. Qabel l-1170, peress li konna parti integrali ta' Sqallija, aktarx kienet bhal dik ta' bliet oħra fix-xlokk tagħha. F'Catania kienet ġiet fdata f'idejn il-patrijiet Benedittini. Waqt li f'Sirakuża f'idejn is-sekulari. Fit-tnejn il-Knisja kienet dominata jew aħjar "demonjata" mid-disposizzjonijiet tal-*Legazia Apostolica.* Bl-isqof bħala mexxej spiritwali u sid temporali u bl-Istat bid-dritt li jindaħal fl-għażliet ta' ħatriet importanti fil-Knisja.

Għal aktar minn mija u ħamsin sena, bejn l-1272 u l-1410, l-inkwiet fil-hatriet ta' l-isqfijiet ta' Malta ma qata' xejn. L-aktar minn wara it-tkeċċija ta' l-Anġovini, meta l-papa ma riedx jagħraf id-domi-

nazzjoni Spanjola ta' Sqallija. Dak iż-żmien il-kastellani t'Għawdex kienu jżommu mal-Papa t'Avignon waqt li il-qassisin Sqallin li kien hawn jieħdu ħsieb il-knejjes tagħna mal-Papa ta' Ruma. U dawn kellhom l-appoġġ ta' xi whud min-nobbli li kellna f'pajjiżna.

Wara l-intervent bil-forza ta' Ċikku Gatto f'Għawdex *per la inclite casa di Aragona* fuq struzzjonijiet tar-Reġina Bianca, l-ordni reġgħet ġiet stabilita. U jidher li għall-Knisja f'Għawdex inħatar *vicarius dicte terre et insula Gaudisii.* . Fl-1434 kien ġie mħarrek biex iħallas sehmu mit-*taxatione regii* minn dħul ta' *donativi* li sa dak iż-żmien kienu bdew ilaħħqu 870 tari'. Jgħinuh fil-kura ta' l-erwieħ dan il-*clerus dicte terre et insula Gaudisii.* Fosthom xi qassisin barranin bħala *cappellani.* li kienu jinagħtaw il-biċċa l-kbira tal-*beneficcii* b'mod partikolari dawk *regii patronati.*

**Il-Beneficium.**

Il-*Beneficium* beda bħala istituzzjoni fis-seklu VI u fis-seklu X kien magħruf ukoll bħala *pheudum.* F'termni ekonomiċi medjovali kien qisu *cens.* Art mogħtija b'kumpens mir-re lil xi konti għal servizz li kien ikun tah. Kif kien jagħmlu qabel ir-Rumani bil-*precarium* . jewSas-Seklu XI il-*beneficium* kien sar parti importanti mis-sistema fewdali. Sid il-*beneficium* kien sid ta' kull ma kien hemm fl-oqsma mogħtija lilu b'benefiċċju: nies, art u bhejjem. Wara r-raba' Konċilju Lateran il-Papa kien beda jikkonċedi lill-barunijiet it-twaqqif ta' *cappella* fl-oqsma tagħhom. U meta dawn kienu jkunu bogħod mill-katidral kien jintbagħtilhom *cappellano* biex jieħu ħsieb il-kura ta' l-erwieħ. U biex fihom jiġu amministrati s-sagramenti. Għall-ispejjes ta' dawn is-servizzi kien ikollu jipprovdi l-baruni stess minn butu permezz ta' fundazzjonijiet ta' *beneficcii.* Daqqa *sempliċi* u daqqa *jus patronati.*

Il-*beneficcii* sempliċi kienu aktarx magħmula biex jilħqu ma l-ispejjes ordinarji. Manutensjoni, ħlas ta' sagristani u xiri ta' apparati jew tiżjin ieħor. Il-*jus-patronati* kienu ta' natura oħra. Kienu normalment imwaqqfa biex iżommu il-ġust. L-aktar biex ikollhom id-dritt li jinnominaw ir-*rettore* jew *cappellano* li jridu. Ġeneralment dan kien ikun wieħed tal-familja. Jew jekk fil-familja ma jkollhomx kjeriċi, lil xi ħadd li kien iġib il-kunjom tagħhom.

Iżda barra dawn kien hemm ukoll il-*jus regii patronatus.* Dawn kienu benefiċċji li fuqhom kellu jedd ir-re jew il-viċi tiegħu biss. Ma jidhirx li qadim daqs l-oħrajn. Għax fi żmien ir-*Regnium Siciliae* tan Normanni u tas-Swevi d-drittijiet tar-renjanti fuq proprjeta' ekklesiastika kienu ġew "konkordati" fl-1156 bejn il-Papa Adrianu IV u Guliermu I. L-espressjoni bdiet tintuża aktarx fl-aħħar tas-seklu XIV. Għax tul-is-seklu ta' wara kienet saret drawwa komuni li r-re jew il-viċire jinqeda bil-*jus patronato* tiegħu biex jabbuża fl-għoti ta' kommendi mill-benefiċċji tal-knejjes. Kien permez ta' dan id-dritt li fid-9 ta' Mejju 1529 il-Viċire ta' Sqallija, id-Duka do Monteleone, ordna lill-Kastellan biex lir-Rev. Don Domenico Mangiuni, *canonico majoris eccl. militensis,* igħaddilu *la possessione di la parochia seu cappella* tal-knisja matriċi.

L-ewwel benefiċċji dokumentati f'Għawdex jibdew f'nofs is-seklu XIV. *Tas-Saccaya* (1347), *ta' Bitadlem* u *ta' Riħana* huma fosthom. It-tlieta *regii patronati,* jiġifieri li fost drittijiet oħra ir-re kellu dritt jaħtar retturi tal-beneficcju jew kappella. Fl-1372 ir-Re Alfonso kien hatar bhala rettur tal-*cappella* tal-Lunzjata lil Don Bartholomeo Hasiach. U fl-1488 *ta' Bitandelem,* li f'Għawdex hu magħruf bħala *ta' Godien,* ġie mgħoddi lill-ġurati ta' l-Universita' t'Għawdex u aktar tard dak *ta' Riħana* magħqud mal-*cappellenia* tal-knisja ta' Santa Marija tal-Kastell.

Imma barra dawn kien hemm oħrajn. Il-biċċa l-kbira tagħhom sempliċi jew *juspatronati.* Ma teżistix lista tagħhom qabel nofs is-seklu XVI. Imma *giuliani* li fihom *notizie* tagħhom *coll'indicazione della rispettiva lora fondazione ed istituzione* migbura minn diversi nies f'diversi żmenijiet jinsabu fl-arkivji kemmil waħda. Fl-1718 skond kitba f'Manuskritt 174 bejn *legati di messe* u *maritaggi* f'Għawdex kien hemm 183 benefiċċju. Minn dawn ħafna ġew mitlufa. Imma Mons V. Borg fl-1960 irnexxielu jagħmel lista kemm jista' jkun sħiħa ta' dawk li kien għad baqa'. B'kollox sab 131 li qiegħedhom f'appendiċi ta' studju tiegħu li għall-istudjżi ta' l-istorja ekklesiastika huwa ferm ta' għajnuna.

**Dokument importanti..**

L-ewwel lista ta' dawn il-beneficcji kienet saret fl-1436 fuq talba ta' l-isqof Senatore De Mello. Minhabba tilwim *fra li canonicied i beneficiati ed altri.* Ghax ma qablux fuq ir-*rata che ciascheduno doveva pagarti* mid-diversi benefiċċji u ġuspatronati li kienu jgawdu. Bl-għan li l-isqof *potesse calcolare la porzione che ciascheduno doveva contribuire* kienu ġew imqabbad erba' kanonci tal-Katidral biex jaraw dak li kien jidħol m'nejn kien ġej u min kien jieħdu. Il-lista li għamlu baqgħet magħrufa bħala"ir-rollo ta' De Mello". U hi meqjuża bħala l-pedament ta' l-istorjografija ekklesiastika ta' Malta.



*Dehra ta' binjiet delapidati fil-Kastell li wara s-seklu XVII ma kienx baqa' abitat kif kien is-seklu ta' qabel.*

Fih, dan ir-*rollo,* 144 beneficcju.. Bejn *animaggi, juspatronati u cappelle..* Skond xi awturi, fosthom l-Abela, l-kelma *cappella* f'ċertu żmenijiet kienet tfisser "parroċċa". U b'mod żbaljat kemm hu u kemm kittieba oħra ta' żmienna ħasbu li De Mello waqqaf l-ewwel parroċċi. Kulltant, imma, kellha konnotazzjoni ta' knisja żgħira. Tiddistingwi ruħha sewwa u turi x'inhi minn ċerti impenji u benefiċċji li jkun hemm marbuta magħha. Skond dan ir-*rollo,* per eżempju, tnax kienu l-*cappelle.* Imma minn dawn ta' lanqas tnejn jekk mhux tlieta, fosthom dik ta' San Pawl tar-Rabat u dik tal-Birgu, ma kenux jagħmlu funzjoni ta' "parroċċi".

Ma jkunx qed jagħmel sewwa, imma, jekk il-kelma "parroċċa" jeħodha fil-kontest ta' parroċċa tal-lum. Qabel il-Konċilju ta' Trentu l-organizzazzjini tad-djoċesi kienet differenti. U differenti kienet ukoll in-nomenklatura ekklesiastika ta' dak iż-żmien. Il-Katidral weħidha kienet il-parroċċa u l-isqof waħdu kien il-*parroco* L-oħrajn.kienu jew knejjes kurati jew sagramentali.

L-għadd ta' dawn il-"parroċċi" sa tarf is-seklu XVI kien aktarx tmienja. Barra il-katidral li kienet għadha meqjuża bħala "il-Parroċċa ta' Malta". Fl-1474 għall-laqgħa tal-*parlamentu generali* tmien "cappellani" attendew. U dawn kienu l-"cappellani" kollha ta' Malta. Meta fl-1524 Quintinus żar Malta biex jaghti r-rakkomandazzjonjiet tiegħu dwar il-gżejjer sab li kien hawn *otto parrocchie* Madwar ħamsin sena wara dan l-għadd kien għadu l-istess. Għax Mons Dusina fir-rapport uffiċjali li għamel għall-Kongregazzjoni daqshekk kiteb li sab. U dan in-numru kien ġie ikkonfermat wara fl-1582 f'*relatione* li ngħatat lill-Papa Gregorio XIII. Minn dawn ir-rapport jirriżulta li jew li Għawdex ma kien magħdud mad-djoċesi ta' Malta (ħaġa li m'hix possibbli), jew li nsewh jew li (kif aktarx kien) fih ma kien hemm l-ebda "parroċċa".

Ħasra li *rollo* dwar t'Ghawdex m'hemmx. Mhux għax, kif jaħsbu xi wħud, intilef. Imma aktarx għax ma sar qatt. Jidher ċar li dak iż-żmien Għawdex kien diġa maqtugħ għalih. B'ċerta awtonomija. Bi kleru tiegħu u b'vigarju li jirrapreżenta diretament lill-isqof. Għalhekk ma tidhirx li kien hemm il-ħtieġa li jsir *rollo.* Il-kwestjoni li kienet qamet fuq *taxatione regii* bejn il-kleru t'Għawdex u l-kapitlu tal-katidral ta' Malta ma kenitx tirrekjedi *statement* ta' *premizie* milll-ġbir ta' *beneficcii* . Kienet biss kwestjoni ta' prinċipju. Dwar il-*modo et conditione solvendi taxas* Biex il-*magna contentio* li kien hemm *per multos annos* bejn l-vigarju u l-kleru Għawdxi u kemm mill-kapitlu u l-kleru ta' Malta tiġi solvuta. U din .kienet ilha li nqatgħet sentejn.

Id-digriet ta' l-isqof De Mello mogħti nhar l-1 ta' Lulju 1434. huwa wiehed mill-aktar importanti fl-istorja bikrija tal-Knisja tagħna. Dnub li s'issa qatt ħadd donnu ma tittrattah kif xieraq. Bih l-isqof, fil-veste tiegħu ta' "parroco" waħdieni, stabilixxa prinċipju *in perpertuum* fuq il-kwestjonijiet kollha li jistgħu jinqalgħu dwar ħlas ta' taxxa *vel ecclesistico vel temporali.* U jidher li biex għamel hekk ma hax il-kejl minn daqs il-gżejjer kif kien jagħmel il-viċire .Ghawdex joħroġ parti waħda u Malta tnejn. Kif riedu ukoll il-kanonċi tal-Katidral. Imma jidher li għax tassew *volendo tandem huic controversia finem imporre inter eos* ra kemm kienu b'kollox it-taqsimiet "parrokkjali" u qasam it-taxxa ugwalment bejniethom Hekk li Għawdex fejn kien hemm żewġ "parroċċi" kellu jħallas zewġ partijiet u Malta fejn kien hemm tmien "parroċċi" rurali u l-katidral li kienet il-parroċċa tal-Belt, tħallas disgħa.

**L-ewwel "parroċċi' t'Għawdex**

Ipotesi bħal din li għadna kemm tennejna aktar 'l



*Il-faċċata tal-Knsija ta' San Ġorġ, kif iddisinjata fl-1667, aktarx minn Vittorio Cassar, wara li kienet theżżet bit-terremot tal-1693 u dak li reġa laqat il-gżira wara.*

fuq ma tistax tkun wisq bogħod mill-verita'. L-aktar jekk wieħed iqis li matul il-mit sena li kienu għaddew fuq dak id-digriet il-qagħda soċjali u ekonomika tal-pajjiż ftit li xejn tbiddlet. L-għaks żdied. Għawdex sar *scogliu arridu.* U l-Għawdxin tant kienu mdejqa li li kieku setgħu kienu jitilqu u ma tibqax ruh fil-gżira. Kull tari` li kienu jeħdulhom kienu joħorġuhulhom "mill-mudullum ta' għadamhom". Tant kien hemm faqar li fl-1511 il-kleru kien reġa ħass li ma setgħax iħallas it-*tassasatione del Regio donativo e d'altre imposituri di triennale,...... et altre collette per essere assai esorbitanti alle sue forze.*

Minkejja din il-qagħda tal-biki Għawdex dak iż-żmien, b'popolazzjoni ta' madwar 7000 ruh, 300 fil-kastell, 1400 fir-Rabat u l-bqija mxerrda 'l hawn u 'l hinn fil-kampanja, kellhu erba' "parroċċi". Waħda, ta' Santa Marija, fil-kastell; u tlieta, ta' Savina, ta' San Ġakbu u ta' San Ġorġ, fir-Rabat.

*Ta' Savina* , dedikata lit-Twelid tal-Madonna, kienet barra l-ħitan tal-belt. Qabel inbniet kienet ċimiterju islamiku. Oqbra minnu kienu nkixfu fl-1900 waqt li kienu jsiru l-pedamenti għal knisja ġdida. Meta nbniet l-ewwel darba mhux magħruf. Imma l-fatt li hi magħrufa b'*ta' Savina* jista' jindika li kienet *jus patronat* billi *savina* hija l-kelma latinizzata għat-terminu fewdali ta' *cens.* Skond A. Luttrell tissemma' bħala "parroċċa" fl-1479. Iżda f'att nutarili għand Andrea Beniamin fit-12 ta' Mejju 1479 ma tingħadx li kienet hekk. Meta mar jaraha Mons Dusina fl-1575 sabha mħarbta. Fiha kien hemm xi kwadri, uħud minhom minn kappelli oħra li kienu pprofanati fil-viżta ta' Mons isqof Cubelles tlietin sena qabel. Parruċċani tagħha ma kellhiex u l-cappellano tagħha kien ilu nieqes mill-gżira xi ħamsa u għoxrin sena. Minħabba f'hekk Mons Dusina pprofanaha.

*Ta' San Ġakbu,* li kien hemm fil-pjazza tar-Rabat, aktar antika. A.Luttrell igħid li setgħet kienet "parroċċa" fl-1421. U skond De Soldanis kienet taqdi l-parti tal-Lvant tal-gżira. Meta żarha Mons Dusina ma sabhiex f'kondizzjoni tajba. Il-kappillan tagħha kien Dun Ġużepp Delia. Imma kienet nieqsa minn kollox u kellha tiġi pprofanata. Fl-1741 twaqqt u reġgħet inbniet mill-ġdid fl-għamla li kienet sa ftit snin ilu.

*Ta' San Ġorġ* kienet il-*parroccia* tar-Rabat. Qatt ma nstab meta u kif oriġinat. Xi kittieba jgħidu li ilha minn żmien il-Biżantini. U li kienet ittellgħet flok tempju pagan. Fl-inħawi tagħha kienu instabu għadd ta' skrizzjonijiet li uħud minnhom kien twaħħlu mal-ħajt tagħha u baqgħu hemm sas-seklu XVIII. Meta kienet qed titkabbar fl-1938 fil-pedamenti tagħha kienu nstabu kwantita' ta' flus Rumani. U dan l-aħħar fis-sagristija inkixfu l-pedamenti ta' xi kostruzzjoni ta' xi bini kbir.

Dokumentazzjoni ta' dawn iż-żmenijiet bikrin




*Dehra artistika tal-Knisja ta' Santa Marija fil-Kastell kif iddisinjata wara t-terremot ta' l-1693 minn Lorenzo Gafà.*

ma jinstabux. Tibda fl-1506, bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien ta' dokumentazzjonijiet oħra fil-ġrajja ekklesjastika. L-ewwel *cappellano* tagħha li nafu bih kien Dun Anġelo Mannara. U warajh Don Alvaro de Castella. Aktarx Sqalli. Imma li kien jaf bil-Malti. Meta żarha Mons Dusina fl-1575 il-kappillan li kien hemm kien Don Lorenzo De Apapis. Ta' 74 sena. Imma beżżiegħi tant li fl-għaxija kien jagħalaq il-knisja u jmur gol-kastell u jħalli l-parroċċani tiegħu bla assistenza ta' sagramenti. Kien jieħu miegħu l-ostji mqaddsa u ż-żejt tal-Griżma għax kien jibża' li setgħu jaqgħu f'idejn il-Mislem. Barra minnhekk kien għadu jqaddes u jagħmel iċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi l-oħra bir-rit Galliku.

**Ir-Rit Galliku**

Dan ir-rit hu wieħed mill-eqdem. Kien istitwit mill-arċisqof San Sidoru u mxerred mat-territorji kollha ta' Spanja l-aktar fl-ibliet fejn insara u misilma kienu jgħixu paċifikament flimkien. Minħabba li fih bdew jiddaħħlu kliem bl-Għarbi l-Papa Girgor VII issospendih. Reġa daħal fl-użu meta l-messal u l-brevjarju kienu editjati skond sentimenti Kattoliċi b'karattri Latini. F'Malta kien ir-rit uffiċjali tal-Katidral u ta' San Ġorġ ġo Għawdex. F'San Ġorġ kien ġie sospiż fl-1575 minn Mons Dusina fuq dis-posizjonijiet tal-Konċilju ta' Trentu u biex isiru s-servizzi reliġjuzi kollha skond ir-rit Latin tal-*Curia Romana* bħal dawk li kienu jsiru fil-parroċċa l-oħra ta' Santa Marija fil-kastell.

**Santa Marija tal-Kastell**

*Santa Marija tal-kastell* għandha l-istorja interessanti tagħha. Bdiet, skond xi kittieba, mal-miġja ta' San Pawl ġo Malta. Fis-sena 57 W.K. igħid A. Ferris. Kienet inbniet minflok tempju pagan ta' Venere. Mill-bidunett kienet ċentru ta' devozzjoni miżjur minn għadd ta' personalitajiet fosthom il-ġeneral Biżantin Belisarius. Għal xi żmien kienet "parroċċa" weħidha.

A. Ferris jgħid li għal xi żmien dan it-tempju neża' ħafna mis-sbuħija tiegħu. Iżda wara t-tkeċċija ta' l-Għarab *il generoso Conte Ruggiero Normanno nel 1090, lo ristabilì nuovamente, unitamente alla chiesa cattedrale di Malta.* Skond l-isqof Cagliares l-kappillan jew rettur tagħha kellu t-titlu ta' *arciprete* U fil-fatt Abela jirrikonoxxiha b' *la maggior chiesa spirituale che governa nello spirito.* Fl-1435 kienet diġa tingħad bħala *matrice* mill-parruċċani tagħha fil-kastell.



*Impressjoni artistika tal-Knisja ta' Santa Marija fil-Kastell kif kienet tidher għall-ewwel nofs tas-seklu XIX. Tpinġija aktarx ta' Salvatore Busuttil.*

**It-Testment ta' Del Piscopo**

L-eqdem dokument li jirriferi għall-knisja ta' Santa Marija bħala *l-matriċi ta' dan il-kastell* hu testment ta' ċertu Nuccio del Piscopo jew, kif ġie li jitniżżel, De Episcopo magħmul għand iż-żagħżugħ nutar Andrea de Beniabin fit-12 ta' Ottubru 1435 u miftuħ fl-14 ta' Novembru ta' l-istess sena. L-oriġinal ta' dan it-testment mitluf imma skond kopja tiegħu magħmula fl-1545 min-nutar Jacobo Pino Saliba dan Nuccio ħalla "tnaxil ratal xama għall-artal maġġur ta' Santa Marija l-knisja matici ta' dan l-imsemmi kastell". Kopja oħra ta' dan l-istess testment magħmula fuq din il-kopja min-nutar Domenico Portelli fl-1633 tgħid l-istess. L-insinwa tat-testment oriġinali, imma, ma ssemmi xejn. Tgħid biss li Nuccio ħalla bħala *suoi eredi unici* lil martu Luna u li waqqaf il-ġuspatronat ta' San Pawl fiċ-ċimiterju tar-Rabat.

Il-Professur Wettinger f'diskors li kien għamel fuq il-ġrajja bikrija ta' din il-knisja innota li din il-kelma *matrice* turi li mhux biss Santa Marija kienet ga "parroċċa" sena qabel ma knejjes oħrajn f'Malta dehru bħala "parroċċi" imma li f'Għawdex kien hemm "ta' lanqas parroċċa waħda oħra". Dr Luttrell, imma, hu tal-fehma li *e` dubbio se il termine matrice prova l'esistenza di piu` di una parrocchia.* U forsi għandu raġun għax fil-*Hierolexicon* Don Carlo Magri, li kien sar Arċipriet ta' l-istess Matrici, jaqbel ma' ħuh Don Domenico li *ecclesia matrix dicitur illa in qua reperitur fons baptesimalis* ,. U fid-definizzjoni tat-terminu l-ieħor igħid *In oltre puo` essere chiesa battesimale senza essere ne Parocchiale ne Curata.*

Imma anke jekk bil-kelma *matrice* n-nutar De Beniabin ried tassew ifisser "knisja omm", żgur li ma ried qatt ifisser "knisja omm ta' din it-*terra* u l-gżira t'Għawdex". Għax De Beniabin, għalkemm *oriundo* Sqalli, kien jaf bil-malti u *canuxi lu pichuli et lu grandi et sa li constumi, consuetudini et usnaczi di lu dicta terra et insula, u* kien żgur jaf li 'l ġewwa mill-ħitan tal-kastell kienu jgħidulu *terra seu castello* waqt li għall-kastell u l-gżira t'Għawdex kienu jgħidu *terra et insula Gaudisii.* Imma ta' nutar kunxenjuz, miġjub minn kullħadd, ta d-definizzjoni tal-knisja ta' Santa Marija kif kienet fi żmienu *matricis Ecclesiae predictae terrae.*

Ħaġa oħra li ġie li inkwetat lill-istudjuzi ta' l-istorja hija l-awtentiċita' ta' test f'dokument li ma jkunx l-oriġinali. Fil-każ tagħna l-Professur Wettinger jaċċertana li minkejja li t-test tat-testment ikkwotat hu biss kopja, hu "ta' min jorbot fuqu". Il-Kan. J.Azzopardi, arkivista u kuratur tal-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina ma jidhirx li tant jorbot fuq kopji għax igħid li dawn jistgħu jkunu *faulty not only in their text but also in their date.* Ironikament fil-fatt l-istess Professur Wettinger, aktarx bi svista, f'artiklu ieħor tiegħu waqt li kien jittratta kważi l-istess materja għamel riferenza għad-data "1484" li l-Kan.Azzopardi stess jirrimarka li hi żbaljata. Għalhekk forsi ma tagħtihx tort lil Dr Luttrell li jwissi li *until the original can be consulted an element of doubt must continue to surround these key documents.*

**Era ta' vjolenza u korruzzjoni**

Dokumenti oriġinali minn Għawdex jibdew mis-seklu XVI 'l quddiem. Il-ftit eqdem li sata' kien hemm nqerdu. Jew biż-żmien. Jew waqt ħbit mill-kursari. Xi kittieba jgħidu li nħarqu fl-assedju ta' l-1551. L-atti tan-nutara jibdew mill-1540. Bl-atti tal-kappillan, Don L.De Apapis. U dawk fil-Kurja ta' l-Arċisqof u dawk tal-Katidral ta' l-Imdina bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien. Il-*Liber Baptisimorum* tal-Matriċi jibda minn Lulju 1554. Dak ta' San Ġorġ fl-istess sena. Iżda l-*quaderni* l-oħra dwar il-Griżma ta' l-isqof, iż-żweġijiet u l-imwiet xi ftit aktar tard. Uħud, imma, huma nieqsa.

Dik il-ħabta biex jintilfu jew jinqerdu dokumenti ma kenitx ħaġa tqila. Biżżejjed kjeriku minn familja nobbli kienu jridu jlaħħquh. Jintilfu karti, jixxaħħmu xi nies u jitwaqqfu benefikati. Ma konniex inkunu nafu b'kazi ta' simonija fost il-membri għoljin tal-kleru li kieku ma kienx Mons Dusina.

Tul nofs is-seklu XVI l-isqof u s-segretarju tiegħu Don Salvatore Pontremoli, per eżempju, kienu jieħdu l-flus biex jordnaw lil xi kjeriku qassis. Don Angelus Infantinus li ma kienx jaf jaqra u jikteb ħallas tmien tari għall-ewwel tonsura u għaxra għal kull waħda mill-erba' ordnijiet li ħa wara. "*Altriment non mi havesse ordinato,*" stqarr Don Infantinus bil-ġurament.

Don Antonius Attardus tlaħħaq *cappellano* tal-knisja ta' Santa Marija fil-kastell ta' tnejn u għoxrin sena meta din il-kariga kienet tingħata normalment ta' eta' ħafna akbar. Don Domenico Mangiuni ngħata barra l-*cappellenia* ta' Santa Marija, il-*can'to vocato ta' Birtawil sub vocabolo S. Maria.* Ħaġa li ma kenitx taqbel mal-Kostituzzjoni *Execrabilis* tal-Papa Ġwanni XXII. U wieħed jibqa' sejjer hekk anke fuq l-amministrazzjoni tas-sagramenti l-oħra. Għax din kienet l-era ta' korruzzjoni u vjolenza soċjali.

San Ġorġ kien darbtejn vittma ta' dat-tip ta' vjolenza. L-ewwel darba fl-1592 meta fil-ħerqa għar-riforma li l-isqof Gargallo wettaq fil-"parroċċi" il-

limiti tiegħu kienu ġew ristretti biex jinkludu biss territorju żgħir, dak 'l ġewwa mill-ħitan tal-belt l-antika. U t-tieni darba fl-1688 meta, biex jistgħu jinqatgħu l-erba' parroċċi ġodda, tax-Xagħra, ta' Sannat, tan-Nadur u taż-Żebbuġ, l-isqof Cocco Palmieri "tahom il-beni u r-raba kollu li kellha.l-parroċċa ta' San Ġorġ u wara, donnha biex din il-vjolenza tkun sħiħa, għaqqad il-prebenda tagħha ma' tal-Matrici biex l-Arċipriet Don Karlu Magri ma'jsofrix danni materjali u jikkonċedi t-twaqqif tal-parroċċi l-ġodda.

Biex donnu ir-riħ medjevali li dak iż-żmien kien għadu jinħass sew fuq il-gżira aktar juri l-qawwa awtokratika tiegħu beda jonfoħ b'saħħa ta' riefnu fuq l'Istat u il-Knisja. Mill-bidu taċ-ċessazzjoni tal-gżejjer Maltin lill-Ordni ta' San Ġwann fl-1530, kienu bdew jiħżienu. U meta l-Knisja kompliet tilfet xi mill-influenza tagħha fuq il-poplu l-ġlieda bejniethom faqqgħet fil-beraħ. Il-Gran Mastru, li kien sar Kap ta' Stat u werriet tad-drittijiet miksuba mir-rejiet ta' Sqallija pemezz tal-Legazia Apostolica, ma tantx kien joqgħod għar-rieda ta' l-isqof. Hu kien Kap ta' Ordni Reliġjuża, Militari u Sovrana, ippatronata direttament mill-Papa. U minhabba f'hekk l-isqof ma seta' qatt jindaħallu. Min-naħa tiegħu l-isqof, barra li kien mexxej spiritwali, kien ukoll fewdatarju responsabbli u bl-ebda mod ma kien jaċċetta ndħil li jżid jew inaqqas il-kura ta' l-erwieħ. B'hekk xi naħat mill-oqsma spiritwali jew temporali tagħhom, l-aktar fejn kellu x'jaqsam ma' tagħlim u tagħrif, kienu jintrikbu u joħolqu bosta inkwiet.



Mons. Baldassere Cagliares

L-isqof, Mons. Tommaso Gargallo



Dan l-inkwiet qatt ma kien daqshekk fil-miftuħ aktar minn fi żmien l-aħħar snin tas-seklu XVI u il-bidu tas-seklu XVII. Bil-Gran Mastru u bl-isqof dejjem għassa ta' xulxin. Donnhom il-kelb u l-qattus. It-tnejn bl-inħatra min ma jħallix wieħed lill-ieħor jirfes fit-territorju tiegħu. Fil-Belt Valletta l-isqof Gargallo ma tħalliex lanqas jaħseb biex jibni residenza għalih. U meta tħalla s-suċċessur tiegħu Mons Cagliares fl-aħħar irnexxielu jikseb biċċa art tħalla itella' l-Palazz bil-kundizzjoni li miegħu ma jagħmilx ukoll il-Qorti tal-Knisja.

Għawdex ma kienx immuni għal kwestjonijiet ta' din l-għamla. Waħda li kienet taħraq ħafna kienet dik dwar ir-residenza fil-kastell. Bħall-Belt il-Gvernatur kien iqis il-*castello* bħala residenza uffiċjali ta' l-Ordni, speċi ta' *collachium*. U hekk ukoll il-Provigarju. Kien jinsisti li hemm kien ta' l-isqof daqs kemm tal-gvernatur. U hu bħala rappreżentant tiegħu kellu dritt għal residenza hemm. Kif kien isir minn meta twaqqfet ix-xiżma fl-1412 u fil-kastell nobbli u ekklesiastiċi sabu l-armonija tagħhom kif stabilit mill-*Curia Romana*.





*Il-pissidi tar-ram u ċomb, b'karatteristika u sinjali gotiċi tas-seklu XIII, li kien instab fil-faċċata tal-knisja ta' San Ġorġ waqt ir-restawr tagħha fl-1840. Sknod xi esperti ta' l-arkeoloġija ekklesjastika, pissidijiet ta' dik l-għamla kienu jintużaw ukoll fi Sqallija medjoevali. Aktarx li l-użu tagħhom mien waqaf minħabba dispożizjonijiet ġodda tal-Konċilju ta' Trentu fl-1562. Hawn min igħid li għax kienu marbuta ma' ċelebrazzjonijiet bir-rit ġalliku. Żgur, imma, li qeda dmiru sewwa għall-kura ta' l-erwieħ flimkien mal-fonti battisimali li , kif tixhed l-iskrizzjoni li taħtha kien instab, ġol-gżira t'Għawdex minn dejjem ħasel ras il-"Popolus Gaulitanus" bl-ilma tal-Ġurdan li kellu jikkonsagrah lill-Alla. Dal-pissidi kien ġie merfugħ fejn kien hemm aktar sigurtà u llum jinsab espost fil-Mużew u mgħoddi bħala l-eqdem fost l-esebiti tiegħu.*

**Id-destin ta' San Ġorġ tal-Ħaġar issiġillat.**

Fi klima ta' dix-xorta bdew jitħaddmu d-dispożizzjonijiet tal-Konċilju ta' Trentu. Kienet inizjativa li donnha ipprovdiet soluzzjoni u ħolqot xi ftit tat-tolleranza, għalkemm temporanja. Għax fil-quċċata tal-ġerarkiji waslu biex jindunaw li għalihom il-ħakkiema rapporti stretti mal-maħkuma kienu jġibu aktar dixxiplina. U aktar ġid spiritwali u temporali.

Ma' sbiħ is-seklu XVII l-isqof Tommaso Gargallo ordna riforma fil-parroċċi. U iddefinixxa l-limiti u d-dmirijiet tal-kappillani u tal-komunitajiet tagħhom. *Ta' San Ġorġ* saret biss il-parroċċa tal-Ħagar, li sa dak iż-żmien kien ikkunsidrat bħala ir-Rabat tal-Kastell fejn kienet tgħammar il-*plebs* . Il-baxxi li għexu biss bl-għaraq tagħhom. Dik *ta' Santa Marija saret* il-parroċċa tal-kastell u l-kampanja madwaru. Fejn kien kwartier ta' l-*establishment*. Ta' dawk li jaħkmu. F'sens ċivili u reliġjuż. B'hekk il-firda fis-soċjeta' aktar twessgħet. Għax mhux biss li l-Universita' tal-poplu baqgħet bilkemm tollerata fil-kastell iżda talli s-segretarju ta' l-isqof, Don Antonio Manso, sa wasal biex ċaħħad lill-Gvernatur is-siġġu u l-ġinokkjatur li kien qed jitqiegħdlu fil-knisja *ta' San Ġorġ*.

L-istorja tat-twaqqif ta' dawn iż-żewġ parroċċi fis-sens ġuridiku tal-Konċilju ta' Trentu għadha mhix magħrufa sewwa. Hija ħaġa ċerta li qabel id-digriet tas-sinodu ta' l-1592, l-isqof stess kien ipprova jikseb personalment tagħrif sewwa fuq Għawdex. Imma l-Viżta Pastorali li kien mar jagħmel fl-1592 kellha titwaqqaf ħesrem. Għax wara li kien żar il-knisja ta' Santa Marija fil-kastell ġriet ix-xnigħa li kien hemm imxija ta' pesta u telaq lura lejn Malta. Aktarx li wara kien informa ruħu tajjeb fuq il-qagħda ekonomika u soċjali tal-gżira minngħand personalitajiet li ġa kellhom karigi għolja fil-gżira. Nies bħal Don Leonardo De Agatiis u Don Salvatore Pontremoli. Li t-tnejn kienu kappillani ta' Santa Marija. Bid-digriet tiegħu l-isqof qatagħha li bħala parti mill-organizzazzjoni tad-djoċesi, Għawdex, li kien qed jikber ġmielu fil-kampanja, kellu jinqasam f'unitajiet parrokkjali.

Kien sab soluzzjoni komda. Il-knisja Matrici ta' ġol-kastell issir il-Parroċċa tal-kastell u tal-gżira t'Għawdex. B'hekk postu fil-"belt" tal-Kavallieri jkun bid-dritt u l-Kavallieri f'posthom ikollhom l-ogħla dinjità tal-Knisja. Soluzzjoni karatterizzata aktar minn elementi ta' xeħħa u kilba għas-setgħa milli minn dawk ta' ħeġġa għall-kura ta' l-erwieħ. Għax f'sitwazzjoni bħal dik, fejn il-kapijiet kienu fi ġlieda kontinwa, donnu kien jaqbel li f'ras it-tmexxija ikun hemm kemm dak ċivili u kemm dak reliġjuż. Għalhekk donnu biex jiddeffes sewwa fil-kastell li, bħall-Belt f'Malta, kien mitqies bħala s-sede uffiċċjali ta' l-Ordni, qatagħha li *Santa Marija tal-kastell* ikollha il-primat fil-ġerarkija ġdida tal-Knisja. Kif kellhu l-Istat fl-amministrazzjoni ċivili.



*L-artal maġġur tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ kif kien ikun armat fil-festa għal bidu tas-seklu XX*

Din tista' tkun waħda mir-raġunijiet li l-isqof id-deċieda li jaqsam l-Għawdex fi tnejn: U lil *San Ġorġ* jagħtih ir-Rabat, mill-*Ħaġar* 'l ġewwa; waqt li lil *Santa Marija* jagħtiha l-Kastell u l-bqija tal-kampanja madwaru. Raġuni oħra tista' tkun dik li tradizzjonalment il-knisja ta' Santa Marija kienet tassew "Omm il-knejjes l-oħra". Jew, jista' jkun ukoll li għax b'xi mod ir-riformi tal-parroċċi kienu saru skond l-istrafikazzjoni soċjali ta' dak iż-żmien.

Fit-23 ta' Mejju 1609 Dun Filippu Borg, li wara sar Vigarju Generali, mar Għawdex flimkien ma' Dun Anton Busuttil u ordna lir-retturi tal-kappelli biex il-ġuspatronati u l-benefiċċji 'l barra mill-ħitan tal-belt l-antika tar-Rabat jiħallsu lill-kappillan tal-Matriċi. U magħhom ordna ukoll lill-abitanti kollha li joqogħdu fil-kampanja biex id-dieċma u il-premizie jagħtuhom ukoll lill-istess kappillan. Fil-11 ta' Ottubru 1615 il-Vigarju Ġenerali Malli, permezz tal-Provigarju t'Għawdex Cassar, wissa lill-kappillan ta' San Ġorġ li, jekk jonqos jew jibqa' jaċċetta d-dieċma u l-premizji mingħandin-nies tal-kampanja, jiġi sospiż u interdettjat.

Fl-1620 l-isqof Cagliares fuq il-parir tas-segretarju tiegħu Pontremoli ġabar il-benefiċċji kollha f'*Cassa Capitulare* . Magħha għaqqad il-wirt li D.Nicolo Angelo Maccanuzio (Mahnuq) li kien ħalla biex tinfetaħ skola, u fl-1623 waqqaf il-Kolleġġjata fil-Matriċi. Is-sena ta' wara ikkonferma l-limiti ta' San Ġorġ kif kienu ġew stabiliti mill-isqof Gargallo. Ġol-belt l-antika. Fil-*Ħaġar.* Li minn żmien żemżem kien jgħammar il-poplu Għawdxi li mill-bikri laqa' lil *San Ġorġ.* U hemm tellagħlu maqdes li miegħu twaħħad għal dejjem.

PAWLU MIZZI